9 ta' Ġunju, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Onorevoli Edgar Cuschieri, O.B.E., ne. et. (*)

*versus*

Lorenzo Baldacchino

**Ripetizzjoni ta' Indebitu — War Damage Commission — Teżorier tal-Gvern — Illeġittimità tal-Persuna — Preskrizzjoni — Kuruna — Art. 2220 (2) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Meta azzjoni hija diretta għall-kundanna tal-konvenut biex jirrifondi flus imħallsa lilu indebitament mill-War Damage Commission, huma persuni leġittimi biex jistitwixxu dik l-azzjoni tant is-Segretariu ta' dik il-Kummissjoni kemm ukoll it-Teżorier tal-Gvern.*

*L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tiġi mogħtija kontra drittijiet u azzjonijiet spettanti lill-Kuruna ħlief fil-każi espressament imsemmijin mill-liġi. Fost dawn il-każi ma hix kompriża l-azzjoni għar-ripetizzjoni ta' flus imħallsa indebitament mill-War Damage Commission; u għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata kontra din l-azzjoni ma tistax tiġi akkolta.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur nomine talab li, wara li tkun ġiet magħmula kull dikjarazzjoni neċessarja, u wara li jkun ġie mogħti kull provvediment li jkun hemm bżonn, billi l-konvenut issottometta lill-War Damage Commission claim nru. 19248/15914/43 taħt Part I tal-War Damage Ordinance 1943, in konnessjoni ma' ħsarat tal-gwerra li ġraw fil-post nru. 218 Prince of Wales Road, Sliema, u claim oħra numru Ins. 3021/1945 taħt Part II ta' l-stess Ordinanza u in konnessjoni ma' l-istess post; u billi fuq il-kontijiet li ssottometta l-istess konvenut il-Kummissjoni awtorizzat pagamenti preventivi ammontanti komplessivament għal £210, liema pagamenti saru mill-attur Teżorier tal-Gvern lill-konvenut; u billi wara rriżulta illi ħafna mill-kontijiet fuq imsemmija kienu duplikati u żbaljati, u l-Kummissjoni, fuq eżami definitiv tal-'claims' tal-konvenuti, illikwidat is-somma dovuta lilu għal £80. 17. 3; u billi l-konvenut ġie hekk irċieva s-somma ta' £129. 2. 9 aktar minn dak li kien lilu dovut; prevja, jekk ikun

(*) Maqtugħa fil-meritu fis-27. 6. 51.

hemm bżonn, id-dikjarazzjoni illi l-konvenut irċieva s-somma ta' £129. 2. 9 b'eċċess ta' dak li kellu jieħu, u illi din is-somma ġiet imħallsa lilu indebitament jew bi żball, il-konvenut jiġi minn dina l-Qorti kundannat biex iħallas lill-attur l-istess somma ta' £129. 2. 9 lilu mħallsa eċċessivament, indebitament u bi żball. Bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-8 ta' Settembru 1949, kontra l-konvenut; u bl-imgħax legali mis-6 ta' Settembru 1949;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-att taċ-ċitazzjoni jidher li l-atturi nomine qegħdin jitolbu, għar-raġunijiet u dikjarazzjonijiet premessi f'dak l-istess att, il-ħlas, bħala indebitu, tas-somma ta' £129. 2. 9, imħallas aktar lill-konvenut per mezz ta' l-attur Cuschieri nomine millattur l-ieħor għan-nom tal-War Damage Commission;

Illi l-konvenut, in oppożizzjoni għal din it-talba, ġieb 'il quddiem li skond l-art. 4 ta' l-Ordinanza III ta' l-1943, dina l-azzjoni tispetta lil Carmelo Mallia nomine biss, b'mod, kif qal huwa, li l-attur Onorevoli Edgar Cuschieri, O.B.E., nomine għandu jiġi mqiegħed barra mill-kawża; u indipendentement minn dana, sostna li hija preskritta skond l-art. 1070 tal-Kodiċi Civili, Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat;

Illi dwar l-ewwel eċċezzjoni jingħad l-ewwelnett, illi l-atturi huma tnejn, u ċjoè l-Onorevoli Edgar Cuschieri fil-kwalità tiegħu bħala Teżorier tal-Gvern u Direttur tal-Kuntratti, u Carmelo Mallia fil-kwalità tiegħu ta' Aġent Segretarju tal-War Damage Commission; b'mod li prattikament, anki kieku kellha tiġi milqugħa dik l-eċċezzjoni fir-rispett ta' l-attur Cuschieri, il-kawża kienet tibqa' miexja 'l quddiem fil-konfront u in relazzjoni ta' l-attur Mallia, in forza ta' l-art. 4 ta' l-Ordinanza III ta' l-1943. Mhux ozjuż li jingħad ukoll, "gratia argumenti", illi kieku kellha tiġi aċċettata u akkolta b'suċċess it-teżi konvenuta, il-konsegwenza tagħha ma kienetx tkun qatt dik li qal u sostna l-istess konvenut fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu, u ċjoè li l-attur Cuschieri nomine jitqiegħed jew jiġi maħruġ barra mill-kawża, imma, se mai, li t-talba tiegħu in relazzjoni għall-konve-

nut tiġi miċħuda, bħala li huwa mhux persuna leġittima sabiex jistitwixxi l-ġudizzju preżenti;

Ikkunsidrat;

Illi ċ-ċitazzjoni odjerna tikkontjeni (1) dikjarazzjoni preventiva, jekk ikun hemm bżonn, li l-konvenut irċieva s-somma ta' £129. 2. 9 b'eċċess ta' dak li kellu jieħu, u dikjarazzjoni illi dik is-somma ġiet imħallsa lilu indebitament jew bi żball, u (2) it-talba prinċipali, in konsegwenza u bħala titnissel minn dawk iż-żewġ dikjarazzjonijiet, għall-kundanna tal-pagament ta' dik l-istess somma lilu mħallsa;

Illi ż-żewġ dikjarazzjonijiet mitluba, jekk hemm bżonn, ma hemmx bżonn jingħad — l-għaliex jidher mill-premessi taċ-ċitazzjoni — jimpurtaw l-ewwel waħda sostanzjalment li ġie approvat mill-War Damage Commission pagament ta' ħsarat li l-kontijiet tagħhom fil-"claims" tal-konvenut kienu ripetuti, duplikati u żbaljati, mentri t-tieni talba tikkonċerni l-pagament effettiv għal dawk il-ħsarat approvati mill-War Damage Commission;

Illi, kif huwa risaput, l-enti morali tal-War Damage Commission ma jagħmilx materjalment ħlasijiet, imma fid-diversi epoki kellu diversi metodi. Fil-każ tal-konvenut, wara li ġew eżaminati per mezz tal-membri inkarikati tiegħu preliminarment ix-xogħlijiet, ġew approvati l-pagamenti arretrati, u wara dik l-approvazzjoni preliminari nħareġ l-ordni għall-ħlas, li huma kienu jsejħu "part settlement" jew "accelerated payment", li ma kienx jimporta 'commitment', u li materjalment kienu jsiru mit-Teżorier tal-Gvern;

Illi kwindi, jekk l-attur Mallia ne. għandu l-interess li jiġi dikjarat li l-konvenut, minħabba kontijiet duplikati u żbaljati, irnexxielu jottjeni minn għand il-War Damage Commission l-approvazzjoni u l-mandat għall-ħlas tagħhom, aktar milli kellu jieħu, l-attur Cuschieri nomine għandu interess li huwa jdaħħal lura dawk il-flus li l-konvenut inkassa bi żball, jew indebitament, aktar milli kellu jdaħħal;

Illi kwindi minn dana jiddixxendi li l-attur Cuschieri nomine, li għandu l-interess li ntqal fuq, u li għamel il-ħlas għall-enti morali msemmi, wara li dana approva n-nefqiet imsemmija, huwa l-persuna leġittima sabiex jitlob il-ħla-

effetti ta' dawk is-somom li ġew minnu, fil-kwalità indikata, imħallsa ħażin lill-konvenut; b'mod li l-ewwel eċċezzjoni konvenuta ma tistax tiġi intrattenuta, u għandha tiġi skartata u miċħuda;

Ikkunsidrat;

Illi dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, fit-tieni lok mogħtija mingħajr preġudizzju ta' l-ewwel waħda, li fuq ġiet deċiża u disposta, jingħad li l-konvenut, in sostenn tagħha, jeċċita l-art. 1070 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta. In oppożizzjoni għal dik it-teżi l-atturi nomine jirritjenu li dik l-istess eċċezzjoni ma tistax tiġi mogħtija kontra d-drittijiet u l-azzjonijiet spettanti lill-Kuruna, skond l-art. 2220 (2) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta, l-għaliex id-dritt u l-azzjoni "de quo agitur" mhix waħda minn dawk fejn l-operazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni hija eskluża;

Ikkunsidrat;

Illi, kif jidher mill-kummenti għall-art. 1879 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, korrispondenti għall-art. 2220 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta, ta' Sir Adrian Dingli dwar il-paragrafu jew subsezzjoni, fejn hemm maħsub li ma tistax tingħata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kontra l-jeddijiet u azzjonijiet tal-Kuruna, salvi l-eċċezzjonijiet hemm imsemmija, kif ukoll dawk maħsuba taħt l-art. 2221 tal-Kodiċi Ċivili in vigore, dik id-dispożizzjoni ssib l-għeruq tagħha fid-Dritt Ruman, u preċiżament fl-Istituzzjonijiet, Liber II, Titolu VI, para. 9, fejn jingħad li "Res fisci nostri usucapi non potest", u fil-Kodiċi, "Communia de Usucaptionibus", Liber VII, Titolu XXX, Lex 2 (ara Brunemanni, "Commentarius ad Codicem", Vol. 2, paġ. 28, Laureti ex typis Fratrum Rossi Editorum, 1843). B'mod li l-liġi tagħna "in subjecta materia" ma segwietx la l-Kodiċi Franċiż u lanqas il-Kodiċi Taljan (ara Appell 4 ta' Ottubru 1935 in re "Giuseppe Galea u oħrajn vs. Paolo Gauci u oħrajn", Volum XXIX, P. I, paġ. 279;

Illi bl-avvent tad-Dominazzjoni Ingliża u biċ-ċessazzjoni tal-prerogativa dipendenti mill-voler arbitrarju tas-Sovran, Sir Thomas Maitland, biex jassikura l-pertinenzi tal-Kuruna, għan nom tal-Maestà Tiegħu r-Re ħareġ il-Proklama nru.

I tal-10 ta' Frar 1815, u dak nru. IV tas-27 ta' Marzu 1824, fejn intqal li "nessun termine di prescrizione di qualsiasi specie può applicarsi alle pertinenze della Corona in queste Isole"; liema proklami ġew konfermati in segwitu fl-art. 1879 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868 (ara Appell 30 ta' Marzu 1916 "Onorevoli Carmelo Pace Bardon ne. vs. Sacerdote Don Antonio Barbara ne.". Vol. XXIII, Parte I, paġ. 67);

Illi t-terminu "res" fiċ-ċitazzjoni ta' l-Istituzzjonijiet u u tal-Kodiċi għandu jkollu s-sens li taw lil dik il-kelma l-ġurekonsulti rumani, u ċjoè "Rei appellatione et causae et jura continentur" (ara Ulpianus, L. 23 Dig. "De Verborum Significatione"); liema sens ġie ċċarat bl-art. 2220 tal-Kodiċi Ċivili, fejn jingħad li l-preskrizzjoni ma tistax tiġi opposta kontra d-drittijiet u l-azzjonijiet spettanti lill-Kuruna;

Illi, premess dan li ntqal fuq, jingħad li l-preskrizzjoni opposta mill-konvenut, kif hemm maħsub fl-art. 1070 tal-Kodiċi Ċivili, ma tistax tiġi milqugħa, minħabba t-tieni subsezzjoni ta' l-art. 2220 tal-Kodiċi Ċivili, l-għaliex l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet għad-dispożizzjoni "de quo" taħt l-art. 2254, 2258, 2259, 2260 u 2261 tal-Kodiċi Ċivili ma tirrikorri biex tinnewtralizzaha. Jingħad inoltre li lanqas l-art. 2221 tal-Kodiċi Ċivili ma jista' jingħad li jidħol in operazzjoni biex joqtol dik il-preskrizzjoni; l-għaliex l-art. 1070 tal-Kodiċi Ċivili, meta ddispona l-preskrizzjoni ta' l-indebitu, għamel riferenza għad-dispożizzjonijiet miġjuba taħt it-titolu dwar il-preskrizzjoni sabiex dik il-preskrizzjoni tkun tista' tingħad li waqgħet, u f'dak it-titolu d-drittijiet u l-azzjonijiet tal-Kuruna ma jaqgħux ħlief fil-każi hemm determinati, li ma jidħolx taħthom il-każ ta' dritt jew ta' azzjoni ta' indebitu tal-Kuruna. Meta, tabilħaqq, il-leġislatur ried li l-preskrizzjoni jkollha effikaċja kontra l-Kuruna, huwa qalu, bħal ma jidher mill-art. 2255 (e) tal-Kodiċi Ċivili, u mill-art. 518 (1) ta' l-istess Kodiċi;

Illi kwindi, di fronti għad-dispożizzjoni ġenerali 2220 (2) tal-Kodiċi Ċivili, u fin-nuqqas tal-fatt li l-leġislatur, kif fejn ried għamel hekk, ma segwiex l-istess metodu ta' esklużjoni — liema metodu, skond l-ermenewtika legali, għandu jiġi interpretat bħala negativ — l-eċċezzjoni konvenuta tal-preskrizzjoni ma tistax tiġi milqugħa;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjoni konvenuta fissens li l-attur Cuschieri nomine mhux persuna leġittima li jmexxi 'l quddiem dina l-kawża, kif ukoll it-tieni eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, bl-ispejjeż għall-konvenut; u tordna li l-kawża titqiegħed għas-seduta tat-23 ta' Ġunju 1951, fid-9 a.m.; salv li ma jkunx sar appell minn dina d-deċiżjoni; f'liema każ tirriżerva li tagħti provvediment ieħor.